**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Sebghin (77)**

**16 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.04pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku

Stefan Bajada- Viċi Sindku

Victor John Curmi- Kunsillier

Anthony Attard – Kunsillier

Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

77.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-Aġenda biex il-Kunsill immedjatament jiddiskuti 77.5 fuq l-Aġenda. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

**77.5 Gozo Half Marathon**

77.5.1 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa biex b'hekk ir-rappreżentanti mill-Gozo Half Marathon setgħu jintervjenu. Il-laqgħa tkompliet fil-5.20pm.

77.5.2 Is-Sindku rringrazzja lir-rappreżentanti li ħarġu mill-kamra tal-Kunsill. Is-Sindku ddiskutta mal-Kunsilliera preżenti li jħoss li l-Kunsill għandu jikkollabora bħas-snin preċedenti anke peress li din hi attivita' marbuta ma' Jum Ix-Xagħra. Waqt li t-talba kienet ta' 'l fuq minn €7,000 hekk kif l-ispiża titla' għal €50,000, il-Kunsill qabel li l-kollaborazzjoni għal dan l-avveniment għandha tkun ta' €4,000.

Il-laqgħa ġiet ssospiża mill-ġdid hekk kif fil-kamra daħlet is-Sinjuri Bajada jagħmlu l-intervent tagħhom fuq l-iżvilupp f'Ta' Verna.

Il-laqgħat kompliet fil-5.50pm.

**77.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-20 ta' Diċembru 2023**

77.2.1 Ġew imressqa l-minuti tal-laqgħa numru 76 li kienu meqjusa moqrija.

77.2.2 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-minuti tal-laqgħa numru 76.

**77.3 Karnival**

77.3.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien għaddej bil-preparamenti għall-Karnival. Diversi talbiet minn kumpaniji taż-żfin tal-karnival kienu waslu l-Kunsill biex jipparteċipaw fil-Karnival tax-Xagħra. Il-programm tal-Karnival tas-Sibt f'Nażżarenu kellu jibda fis-7.00pm u kien se jkun aktar iffukat fuq żfin u daqq tradizzjonali bis-sehem tal-Kumittiva, il-folk band Ta' Verna u l-X-Tend. Is-Sindku spjega li se jkunu qed jipparteċipaw xi kumpaniji taż-żfin anke hilarious. Rigward preżentatur fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku Stefan Bajada l-Kunsill kellu jitkellem mal-iScouts biex jgħaddu huma suġġeriment ta' preżentatur anke mir-raħal biex nesponu talent lokali.

77.3.2 Is-Sindku spjega li l-preżentaturi Jamie u Miguel kienu aċċettaw li jippreżentaw il-Karnival tal-Ħadd. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu nota biex taħseb tikri żewġ *mobile toilets* għall-Ħadd li jitqiegħdu zquddiem il-Kunsill fi Vjal It-8 ta' Settembru. Il-programm tal-Ħadd kellu jkun wieħed aktar varjat minn dak tas-Sibt.

77.3.3 Is-Sindku ssuġġerriexxa li kif sar fil-passat tingħata prinjolata żgħira lil dawk preżenti waqt il-Karnival waqt li jsiru flyers biex jattiraw aktar nies għal dawn l-attivitajiet. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan.

77.3.4 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien se japplika taħt il-fond tal-kultura taħt il-Ministeru t'Għawdex biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jakkwista fondi għall-attivitajiet tal-Karnival.

*18.00 Victor Curmi daħal fil-laqgħa.*

**77.4 Ċelebrazzjoni marbuta mat-30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsill**

77.4.1 Is-Sindku spjega li kien għadu jistenna l-*clearance* biex iċ-ċelebrazzjoni marbuta mat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill isir fit-2 ta' Marzu fit-tempji tal-Ggantija kif kien diskuss f'laqgħat preċedenti. Is-Sindku spjega li kien se jkun qed jżomm lill-membri tal-Kunsill infurmati dwar dan.

**77.6 Kunsill Ċiviku**

77.6.1 Is-Sindku spjega li issa li l-binja tal-Kunsill kienet waqgħet kollha u kien imiss li l-kuntrattur jaqta' ż-żewġ pied bis-siga mal-postijiet li jmissu mal-qatgħa tal-

Kunsill. Is-Sindku spjega li x-xogħol qed isir b'kawtela kbira biex ma ssir l-ebda ħsara lil terzi.

**77.7** **Triq Marġa**

77.7.1 Is-Sindku spjega li din it-triq trid tkun lesta sal-aħħar t'April anke peress li r-rotta tal-Gozo Half Marathon tgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku spjega li hemm ċertifikazzjoni fuq din ir-rotta li ma tistax tinbidel.

77.7.2 Is-Sindku għamel referenza għal Triq Sruġ fejn spjega li t-tafal in-naħa ta' fuq kien infetaħ hekk kif is-sies kien qed jaqta' minn isfel. Is-Sindku spjega li kienet tpoġġiet pjanċa kif ukoll ħa ħsieb informa l-Perit immedjatament. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienet skedata laqgħa mal-Perit u l-kuntrattur l-għada stess.

77.7.3 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li l-Perit tal-Kunsill għandu jevalwa s-sitwazzjoni u jirrapporta lill-Kunsill jekk hiex ikkundannata jew le. F'każ li kkundanata l-istess Kunsillier talab li l-Kunsill għandu jagħlaq it-triq biex jelimina kull periklu

**77.8** **Triq Marsalforn**

77.8.1 Is-Sindku spjega li l-kontijiet kienu għadhom ma waslux il-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu ħsieb titlob dawn il-kontijiet lill-kuntrattur.

**77.9** **Triq Ta' Stellini**

77.9.1 Is-Sindku spjega li f'din it-triq kien għada baqa' xi *approvals* għall-konnessjoni tal-ilma xi jsiru imma jidher li l-WSC qegħdin fi stadju avvanzat biex jinbidel il-mejn tal-ilma biex eventwalment tiġi asfaltata wara anke pressjoni fuq il-Ministeru t'Għawdex.

77.9.2 Il-Kunsill Anthony Attard talab li l-konessjoni għandhom isiru qabel ma tiġi asfaltata t-triq.

**77.10 Triq Ta' Karkar**

77.10.1 B'referenza għal Triq Ta' Karkar, is-Sindku spjega li f'din it-triq kien għad baqa' numru ta' żvilupp li għad irid jitla' fil-bidu ta' Triq Ta' Karkar min-naħa ta' Triq Mannar. Is-Sindku spjega li l-Ministeru t'Għawdex kommess li parti kbira tat-triq tingħata tarmak. Eventwalment wara li jitlesta dan l-iżvilupp pendenti din il-parti tat-triq tiġi asfaltata ukoll. Is-Sindku stqarr li n-numru ta' ilmenti mir-residenti ta' din it-triq hu wieħed kbir u jemmen li jekk tingħata tarmak it-triq jinqatgħu numru kbir ta' ilmenti fuq ħmieġ u trabijiet.

**77.11 Performance Bonus tas-sena tas-Segretarju, Deputat Segretarju u Staff Klerikali**

*Is-Segretarju Eżekuttiv irtirat mill-kamra tal-laqgħa tal-Kunsill biex b'hekk il-Kunsill seta' jiddiskuti l-Performance Bonuses tagħha u anke tal-ħaddiema klerikali.*

77.11.1 Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard kif ukoll lill-ex Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard, l-Assistent Prinċipal Josephine Sultana u l-iskrivana Cheryl Bajada tal-ħidma sfieqa fi ħdan il-Kunsill tul is-sena preċedenti. Is-Sindku spjega li flimkien mal-Kunsilliera kien hemm qbil unanimu li l-Performance Bonus kellha jingħata sħiħ b'10% għas-segretarji eżekuttivi u 6% għall-assistent prinċipal u skrivana.

77.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv rringrazzjat lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha ta' dan waqt li stqarret li l-għan tagħha hu li tkompli tagħmel l-almu tagħha biex tagħmel xogħolha tajjeb għal ġid tal-lokalita' tax-Xagħra.

**77.12 Komunikazzjonijiet oħra mis-Sindku**

77.12.1 Is-Sindku għamel referenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet taħt l-iskema maħruġa mil-Lesa fejn il-Kunsilli kienu qed jiġu mistiedna japplikaw għall-proġetti biex isiru fil-komunita' minn lista ta' proġetti varji. Il-Kunsill iddiskuta numru ta' proġetti li seta' japplika għalihom. Finalment id-diskussjoni waqgħet li l-Kunsill kellu japplika għal van tal-elettriku li tkun tista' tintuża biex l-anzjani jibbukkjaw għal dan is-servizz biex jagħmlu qadjiet mill-bank, posta u anke jattendu d-day centre.

Il-Kunsill Victor Curmi waqt li stqarr li mhux kontra li l-Kunsill japplika għal din il-van stqarr li l-mistoqsija tiegħu tibqa' kif ħa jitħaddem is-servizz.

Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jmexxi b'din l-applikazzjoni.

77.12.2 Is-Sindku rreferra għall-aċċident żgħir li sar waqt li kien għaddej is-servizz tal-bulky fi Triq Ta' Stellini fejn waqgħet biċċa injama mit-trakk u laqtet karozza pparkjata. Is-Sindku spjega li kienet infetħet *claim.*

77.12.3 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li waqt il-laqgħa mal-Community Policing kien ġie mgħarraf li l-pulizija kien se jibdew proġett ġdid bl-isem Neighbourhood Watch fejn residenti se jkunu qed ikunu mħeġġa u anke avviċinati biex jidħlu responsabbli biex jieħdu ħsieb li jirrapportaw attivitajiet suspettuża f'diversi bnadi fir-raħal.

77.12.4 Is-Sindku rrefera għall-magna tal-BCRS fejn wara ħafna nsistenza u komunikazjoni kontinwi waslu biex jiġu nstallati dawn il-magni. Is-Sindku spjega li l-aħjar post hu l-Qortin hekk kif diversi postijiet li ġew ssuġġerrieti mill-Kunsill ġew irrifjutati minħabb raġunijiet varji.

77.12.5 B'referenza ghaċ-Ċirkolari AKL 2024/006 - EU Funding (Rural Roads) Information Session u s-sejħa li ħarġet Intervention 73.3: Off-Farm Investments Infrastructure (Rural Road) is-Sindku ddiskutta mal-membri tal-Kunsill li wieħed irid jara fuq liema toroq il-Kusill seta' japplika peress li hemm toroq li huma privati kif ukoll toroq li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali.

77.12.6 B'referenza għall-intervent mis-Sinjuri Bajada aktar kmieni s-Sindku ddiskutta mal-membri tal-Kunsill preżenti u kien deċiż li l-Kunsill kellu jibgħat lil Dr Clare Bonello biex tmexxixna bl-aħjar mod f'dan l-Appell.

**77.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

77.13.1 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li l-Kunsill jibgħat lill-ERA rigward il-pjanta invasiva tas-siġra tar-rignu li qed tinfirex mal-widien fix-Xagħra fosthom Wied taċ-Ċanti, Wied L-Għejun, Wied Ir-Ramla, Wied tal-Fellis, Wied Għajn Wajtar u l-Ġibjun tar-Ramla. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

76.13.2 Il-Kunsillier Victor Curmi rreferra għall-iżgombru fuq il-bankina mill-imwejjed u siġġijiet ta' ristorant partikolari fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni lis-sid biex il-bankina tiġi *cleared.*

76.13.3 Il-Kunsillier Victor Zammit rreferra għar-rampi li hemm ma maz-zebra crossing quddiem l-ispeżerija. Il-Kunsill iddiskuta li dawn ġew approvati minn Transport Malta.

76.13.4 Il-Kunsillier Victor Zammit ġibed l-attenzjoni li fejn il-bank hemm tappiera li nqasmet. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

76.13.5 Il-Kunsillier Victor Zammit issuġġerrexxa li ssir bus shelter fejn il-Ggantija biex toffru kenn mix-xita lit-turisti. Is-Sindku spjega li din kienet intalbet imma baqgħet ma saritx.

**77.14 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;**

77.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġiet ippreżentata l-ittra mill-avukat Calleja għan-nom ta' William Agius fejn qed jitlob kumpens għall-inċident li ġarrab f'Awwissu 2022. Is-Sindku ddikjara kunflitt ta' interess u ħareġ mill-kamra tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera ddiskuta kif l-aħjar li jmexxi b'dan il-każ. Kien deċiż li jittieħed parir legali. Ma ġiex deċiż min għandu jippreżenta l-Kunsill f'dan il-każ.

77.14.2 02.01.2024 Invit għas-seminar Event – URBACT IV Innovative Transfer Networks INFODAY fit-22 ta' Jannar wara nofsinhar

77.14.3 03.01.2024 Imejl mis-Sur Benigno Saliba rigward id-dislivell li hem fi Sqaq Nru 1, fi Triq It-28 t'April 1688. Il-Kunsill iddiskuta li d-dislivell hu dak ta' 3 piedi. Is-Sindku spjega li kien se jmur fuq il-post.
04.01.2024 CIR AKL 2024/002- Seminar- Connecting Communities: Navigating the Communciations Landscape in Collaboration with MCA. Il-Kunsill innota l-istedina għal din il-konferenza.

77.14.4 04.01.2024 CIR AKL 2024/007 – Money Insurance-Summary of Cover 2024. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas il-miżata biex ikun kopert.

77.14.5 04.01.2024 Youth Nomination Request for the Nex- EU Funded Project

77.14.6 06.01.2024 Talba għal bozza ġdida fi Triq Sruġ mis-Sur Joseph Magri. Il-Kunsill iddiskuta li l-ewwel kellhom isiru l-installazjonijiet tal-bozoz li kienu għaddew mill-Kunsill is-sena li għaddiet.

77.14.7 08.01.2024 Talba mill-Għaqda tan-Nar għall-kollaborazzjoni min-naħa tal-Kunsill biex tittella' ikla fil-jiem tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li l-kollaborazzjoni kellha tkun ta' €500.

77.14.8 11.01.2024 Korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar bis-smiegħ fuq l-appell PA/00570/21 skedat għal nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar 2024 fit-3.00pm. Il-Kunsill b'referenza għall-intervent tas-Sinjuri Bajada aktar kmieni fil-laqgħa unanimament qabel li mill-ġdid jerġa' jitkellem mal-Avukata Clare Bonello biex il-Kunsill jara kif l-aħjar li jipproċedu fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

77.14.9 15.01.2024 Invit għall-44th FECC Convention li ser isir f'Sofia bejn il-11 u t-18 ta' Mejju.

77.14.10 16.01.2024 Ilment mis-Sinjuri Aquilina resident fi Triq Liberat Grech dwar l-istat ħażin tat-triq u skart ta' kostruzzjoni.

77.14.11 16.01.2024 Talba għall-kollaborazzjoni ta' €400 minn Gaute Youths għall-kunċert li beħsiebhom itellgħu fi żmien ir-Randan bl-iskop li jiġbru għall-missjoni fil-Gautemala. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**77.15 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

77.15.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentatat fuq il-mejda tal-Kunsill.

7.15.2 Is-Sindku u l-kumplament tal-Kunsilliera l-oħra approvaw il-pagamenti kollha fl-iskeda tal-pagamenti.

**77.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

77.16.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.35 pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Frar 2024 fil-5.00pm.

Konfermati illum ________**27 ta' Frar 2024**____________________

**IFFIRMATA**

______________________

**Aaron Agius**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

______________________

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**

--